IT-TIELET KTIEB — SETTEMBRU
TAD-DISGĦA U GĦOXRIN SENA — 1953

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

**KULL TLIET XHUR**

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GĦADD

L-Editur—Awtobijografiji — faċċ. 65
Vincent Caruana—Il-Bewsa tas-Sirena — ,, 66
Patri Val. V. Barbara, O.P.
—Il-Mewt ta' P. Umbert Sant, O.P. — ,, 71
Dun Frans Camilleri—*Miss Universe* — ,, 72
Manwel Cassar—*Wara Raqda fil-Buskett fl-Imnarja* — ,, 72
V. Ungaro—*Nemusa* — ,, 73
Ġuże' Gatt—In-Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi f'Malta — ,, 74
Mons. Prof. P.P. Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., Lict. Script.—L-Aħħar Kelma — ,, 80
Ġuże' Chetcuti—*Bħall-Weraq* — ,, 84
Patri Beneditt M. Caruana, O.C.
—*Il-Labtu tal-Madonna* — ,, 85
A. Cremona—Manuskritt dwar il-Vanġelju ta' San Ġwann maqlub bil-Malti — ,, 88
Dun Frans Camilleri—*Mammona* — ,, 91
Varia Atque Breviora — ,, 92
Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ — ,, 93
Reċensjonijiet — ,, 94

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.
AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

---

Ħlas: 4/- fis-sena. — Ktieb wieħed 1/3.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil:
Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1953

# *Awtobijografiji*

*FOST ix-xorta ta' proża li naqraw fil-letteratura ta' l-ilsna barranin, hemm dik li tissejjaħ kitba ta' awtobijografiji li fil-Malti qajla tiltaqa' magħha, ħlief f'għamla ta' bċejjeċ 'l hawn u 'l hinn ta'* tifkirijiet. *Din ix-xorta ta' kitba awtobijografika toħroġ iktarx mill-pinna ta' xi kittieb magħruf.*

Awtobijografija *hija kitba li fiha nsibu l-istorja jew il-ġrajjiet ta' dak li jiktibha biex iħalli tifkira ta' kulma ġarrab f'ħajtu u taxxogħlijiet li għamel f'ħajtu biċ-ċrkustanzi tagħhom u b'deskrizzjoni ta' l-atmosfera ta' żminijietu. Xi mindaqqiet ġie li l-awtobijografija titħallat ma' dik li tissejjaħ* tifkirijiet *jew* memorji *li sew sew mhumiex ħlief sensiela ta' xi bċejjeċ minn dak li għadda minn xi staġuni tal-ħajja tal-kittieb—kitba li fiha jaħdem mhux ftit is-sens psikoloġiku.*

*Fost in-nies għorrief li ħallew kitba fuq ħajjithom insemmu lil Petrarca, Cellini, Rosseau, Keith, Smiles, Trollope, Darwin, Gandhi, u oħrajn.*

*Il-kitba awtobijografika għandha valur letterarju mhux ftit fl-apprezzament ta' l-opri ta' l-awtur, kif ukoll taż-żminijiet li fihom għax imxebbhin ma' dawk ta' xogħlijiet ta' awturi oħra fi żminijiethom. Barra minn dan tgħin ukoll biex il-qarrej jifhem is-sentimenti tal-kitba ta' l-awtur, l-iktar fil-versi awtobijografiċi tiegħu jew f'xi kitba epistolari tiegħu.*

*Il-letteratura Maltija ma tistax tiftaħar li għandha wisq minn din ix-xorta ta' kitba—biex ma ngħidx xejn—ħlief xi bċejjeċ ta' tifkirijiet 'il hawn u 'l hinn li deħru u qed jidhru f'IL-MALTI, fosthom dawk li jitkellmu fuq xi esperjenzi ta' safar jew xi ħwejjeġ oħra, xi minn daqqiet miġburin f'xi ktejjeb.*

*Nittamaw, għalhekk, li għad naraw mill-pinna tal-kittieba tagħna xi kitba awtobijografika li biha nistgħu nżidu u norqmu l-letteratura Maltija b'waħda mill-fergħat sbieħ u importanti kif dlonk insibu f'letteraturi ixjeħ u ogħna minn tagħna.*

# IL-BEWSA TAS-SIRENA

*Novella Mitologjika ta'* VINCENT CARUANA

IX-XINI ma kellu ebda tama li jagħleb il-ħalel tal-mewġ li kienu qed iħebbu għalih. Għalxejn ħafna mit-tagħbija tiegħu nxteħtet il-baħar. Ir-riħ beda jkisser l-arbli u jċarrat il-qlugħ. Il-mewġ li beda jgħolli x-xini qisu kaxxa sulfarini kien jaħbat ma' ġenbejh u jheżżu sa ma beda jfarraklu issa biċċa minn hawn u issa biċċa minn hemm.

F'daqqa waħda x-xini nqasam tnejn u jien flimkien ma' l-ekwipaġġ kollu sibt ruħi mgħaddas fil-baħar. Kulħadd iggranfa ma' xi biċċa għuda, iżda l-eqreb xatt kien għex'eren ta' mili 'l bogħod u t-tama kenet imbiegħda wisq li xi ħadd minna seta' jeħles l-għarqa. Jiena wkoll qbadt ma' biċċa njama u din inzertat injama minquxa bħala sirena li kienet imqiegħda fil-quddiem tax-xini bħala tifsira ta' l-isem tiegħu, "Bewsa tas-Sirena". Imgħannaq mas-sirena ta' l-injam jiena sibt ruħi tiela' u nieżel ma' l-iskossi tal-mewġ.

Dak il-ħin xegħlet berqa u jien deherli li rajt għajnejn is-sirena ta' l-injam jiċċaqalqu, iżda malajr tajjart dan il-ħsieb bħala qerq l-għajnejn, aktarx minħabba l-biża' ta' dak il-ħin. Xegħlet berqa oħra u did-darba—ħaġa li ma titwemminx—rajt wiċċ is-sirena ta' l-injam jitbissimli. Għalkemm biex insalva ħajti kont inżomm magħha, bil-qatgħa li ħadt tlaqt idejja u għodost. Meta rasi reġgħet feġġet minn taħt wiċċ il-baħar, insib tfajla qiegħda tgħum li malli tfaċċajt fil-wiċċ żammitni minn taħt abti u qaltli: "Jiena rrid neħilsek", u reġgħet tbissmitli għat-tieni darba.

Fuq ix-xini ma kienx hemm nisa. Mela minn fejn ġiet din it-tfajla? Jiena bdejt inteptep għajnejja u kollni mifxul għajjatt: "Le, jiena ninsab mitluf minn sensija fl-għarfja tal-mewt, u bniedem sturdut għandu mnejn jista' jara xbihat qarrieqa bħal min joħlom".

"Le", qaltli dik it-tfajla li bdiet tgħum bija 'l bogħod minn fejn tkisser ix-xini, "inti la inti barra minn sensik u lanqas qiegħed toħlom. Inti qiegħed tara sewwa. Jiena sirena. Ara hux veru", u dak il-ħin ħareġ jittawwal minn taħt il-baħar id-denb ta' ħuta tagħha li jiena kont għadni ma rajtux għax kien il-ħin kollu 'l isfel taħt wiċċ l-ilma.

Hija kienet qiegħda tiġri tgħum bija waqt li jien inħares wiċċi f'wiċċha mgħaġġeb. Stajt nifhem illi għall-għawm għandha

saħħa barranija. "Qiegħed nemmen", għidtilha, x'ħin neħħejt minn wiċċi l-ħarsa ta' mistagħġeb. Imbagħad tbissimtilha jien ukoll u komplejt ingħdilha : "Sirena sabiħa, liema hu l-eqreb xatt fejn tista' teħodni?"

"Jiena ma jien sa nieħdok fl-ebda xatt", qaltli hi b'ħarsa nebbiexa f'għajnejha.

"Tajba din!" bdejt inħaqqaq jien. "Inti m'għidtx li trid teħlisni? Jekk ma twassalnix lejn xi xatt kif trid teħlisni; tibqa' ħajtek kollha żżommni hekk f'wiċċ il-baħar? Għax naħseb li fl-aħħar tgħeja żżommni. Jew forsi taf b'xi xini ieħor li jinsab għaddej minn ibħra iżjed kwieti u sa teħodni lejh biex jarawni u jtellgħuni?"

"La sa nwasslek lejn xtut u lanqas lejn xwieni oħra", u millajma ta' kliemha dehret li trid tħallini apposta bil-kurżità.

"Mela sa tibqa' għal dejjem iżżommni f'wiċċ l-ilma?" irġajt saqsejtha dejjem nitlef is-sabar.

"Lanqas" tbissmitli.

"Mela jfisser li inti sa titlaqni; sa tħallini negħreq" għidtilha, issa għalkemm mhux infuskat.

"Le, xejn minn dan. Jiena għandi mod kif neħilsek; jekk inti taċċetta".

"U żgur li naċċetta!"

"Mela ismagħni".

Issa konna waslna f'baħar kalm mijiet ta' mili 'l bogħod minn fejn iken tfarrak ix-xini, u hi bdiet tfehimni.

"Jiena ġejt neħilsek għax naf li meta x-xini kien għadu bla isem inti għidt lill-kaptan biex isemmih 'Bewsa tas-Sirena'. Naf ukoll li waqt il-vjaġġ inti kont fil-kabina tiegħek u ktibt poeżija jisimha 'L-Imħabba tas-Sirena", fejn għidt li tixtieq tiltaqa' ma sirena li int issir tħobbha u tgħix magħha f'qiegħ il-baħar".

"Iva! Dan kif tafu!" stagħġibt jien.

"Ma tafx li aħna s-sireni ħlejqiet imsaħħrin? Aħna nkunu nafu kulma jsir jew jintqal fuqna. Nafu, ngħidu aħna, kull fejn hemm statwa jew pittura ta' sireni. Insomma, nafu kollox li għandu x'jaqsam magħna s-sireni. Affarijiet oħra, iżda, ma nkunux nafuhom".

"Oh! inti ġejt mis-sema għalija!" għidtilha.

"Le", qaltli, "jiena ġejt minn qiegħ il-baħar".

It-tnejn dħakna bil-qalb għal din iċ-ċajta, u issa hija telqet idejha minn taħt abti u ħallietni ngħum ftit fil-baħar kalm.

Imma tista' tgħidli kif sa teħlisni?'' saqsejtha b'ħerqa kbira, ''Jekk tħallini hawn waħdi xorta negħreq għax ma jkollix saħħa ngħum lejn l-eqreb xatt li min jaf kemm huwa mili 'l bogħod. U kieku stess, lejn liema naħa sa naqbad ngħum?''

''Jiena sa nfiehmek kollox. Billi int ktibt dik il-poeżija lis-sirena u għażilt l-isem tax-xini għas-sirena wkoll, is-Sultan tal-Baħar, Nettunu, bagħatni biex neħilsek mill-għarqa. Ma kinitx b'kumbinazzjoni li int qbadt ma' dik is-sirena ta' l-injam. Jien imbagħad żammejtek ipnotizzat ftit sakemm neħħejtlek minn idejk is-sirena ta' l-injam u jien qgħadt minflokha. U hekk sibt ruħek iżżomm lili flok l-istatwa''.

Is-sirena qatgħet kliemha biex qaltli: ''Meta tgħeja tgħum għidli biex nerġa' nżommok''.

''Għalissa le'', għidtilha.

U hi kompliet: ''Inti tista' teħles mill-mewt, mill-għarqa, billi jiena nagħtik is-setgħa li int tgħix taħt il-baħar, jiġifieri bħal-na ma tmutx taħt wiċċ l-ilma. Inti tibda tgħix magħna s-sireni f'qiegħ il-baħar u tgħaddi ħajja ta' hena. Malli jien inbusek inti tieħu s-setgħa li tgħix taħt il-baħar. Inti trid li......''

''Imma għaliex ma teħodnix lejn xi xatt?'' qtajtilha kliemha.

''Għaliex ilu mijiet ta' snin kien hemm sirena li Nettunu ta-ha l-permess li teħles mill-għarqa lil wieħed pittur bħala grazzja maqlugħa lilu għax kien iħobb ipitter is-sireni. Din is-sirena was-slitu fuq gżira u qaltlu li saret tħobbu, iżda hu ma riedx jgħix taħt il-baħar magħha għax kien ġà miżżewweġ u kellu t-tfal. Is-sirena reġgħet lura f'qiegħ il-baħar qalbha maqsuma. Għalhekk Nettunu jrid li int jew tagħżel li tgħix taħt il-baħar u tiżżewweġ xi sirena jew jien nitilqek hawn bejn sema u ilma. Nettunu jid-hirlu wkoll li billi int għażeb u billi għidt fil-poeżija il tixtieq tħobb xi sirena li tgħix magħha f'qiegħ il-baħar, issa li ġietek ix-xoqqa f'moxtha li tagħmel dan, ma tkunx poeta sinċier jekk issa tista' taqta' xewqtek u tarmiha. Issa agħżel int''.

''Jiena m'għandix għażla; ikolli nilqa' l-ħsieb ta' Nettunu'', wieġibtha. ''U erġa' żommni għax għajejt ngħum''.

Hi żammitni u qaltli: ''Mela issa jien inbusek u mal-bewsa int tieħu s-setgħa li tgħix taħt il-baħar bla ma tmut minħabba n-nuqqas ta' nifs. Imbagħad qatt iżjed ma tkun tista' tmur tgħix

qalb il-bnedmin l-oħra għax jekk iddum ġimgħa barra mill-ilma inti tmut. Fhimtni tajjeb?''

''Iva''.

''Mela issa nbusek''.

U hemm, bejn sema u ilma, bisna 'l xulxin imgħannqin, imbagħad għodosna u nżilna ngħumu f'qiegħ il-baħar; hi tgħum quddiem biex jien ngħaddi warajha.

Fl-aħħar wasalna f'għar f'qiegħ il-baħar li l-blat tiegħu kien magħmul kollu minn kristalli jleqqu b'ilwien imżewqa. F'dan il-għar kien jgħammar is-Sultan tal-Baħar, Nettunu. Fid-daħla tal-għar kien hemm żewġ sireni rġiel għassa. Is-sirena li kienet miegħi kellmet lil wieħed minnhom u dan daħal jgħum ġewwa l-għar jaqdef b'daqqiet sodi ta' denbu. Hawn sirt naf li taħt il-baħar is-sireni jistgħu jitkellmu bla tfixkil.

Wara ftit ħareġ Nettunu. Fuq rasu kellu kuruna magħmula minn għadd ta' foxxniet żgħar ħdejn xulxin. Xagħru kien magħmul minn ħaxix aħdar tal-baħar u alka mħabblin f'xulxin. Jiddendel minn spallejh kellu manteli magħmul minn qxur ippuntati tal-ħut waħda f'waħda. Sidru kien muswaf iżda kien xagħar abjad mgħaqqad qisu ġelatina ddellek. Il-qalziet tiegħu kien jasal imxammar minn qisu lewlu aħmar meħjut iffullat u b'kull lewla taqbad fuq l-oħra. Dan il-lewlu kien magħmul minn qxur imfarrak ta' bebbux ħamrani. Il-ħmura tal-lewlu kienet ittikkjata 'l hinn u 'l hawn bil-perli bojod ileqqu jiddendlu meħjutin. F'idejh kellu l-foxxna. Huwa ħares lejja b'wiċċ imfaqqa' u daħkan bħallikieku ried jurini l-għoġba tiegħu talli jien ilqajt xewqtu li nibqa' ngħix f'qiegħ il-baħar f'saltnatu. Imbagħad fetaħ ħalq b'xoffitejn ħomor qishom ta' ħuta ta' l-ilma ħelu u qalli: ''Merħba bik fis-saltna saħħarija ta' qiegħ il-baħar''.

''Inroddlok ħajr u merħba bik'', għidtlu jien fil-waqt li tbaxxejt b'rasi 'l quddiem bħala tislima.

Wara tlitt ijiem jien kelli nagħżel sirena u niżżewwiġha. Ma hemmx għalfejn wieħed idum jaħseb wisq biex jinduna li jien żżewwiġt lil dik is-sirena li ħelsitni mill-għarqa u li, kif sirt naf, jisimha Lulisa. Kien Nettunu stess li żewwiġna u dak in-nhar saret f'qiegħ il-baħar festa kbira. Bħala mwejjed kien hemm blat ċatt miksi b'ħaxix aħdar żgħir qisu pil tal-bellus. Bħala ikel kien hemm il-frott kollu li wieħed isib fl-għelieqi fuq l-art, għax f'din in-naħa ta' qiegħ il-baħar jikbru s-siġar l-istess bħal fuq l-art. Is-

sireni jieklu l-frott biss. Huma ma jeklux gandoffli, imħar, rizzi, granċi jew bebbux għax lil dawn iqisuhom bħala ħolqien bil-ħajja u li wieħed m'għandux joqtolhom bie jikolhom. Li wieħed jiekol minn dawn għas-sireni jfisser kannibaliżmu.

Bħala xorb għandhom l-inbid li jagħsru mill-għeneb. Waqt it-tieġ bdejna nixorbu l-inbid minn tazez tal-kristall u tistagħġeb kif l-inbid ta' ġot-tazza ma jitħallatx ma' l-ilma baħar.

Għas-sejħa ta' Nettunu ġew miljuni ta' ħut sbieħ b'ilwien ħomor, ħodor, koħol, sofor u kull tiżwiq ta' lwien oħra. Dawn il-ħut qagħdu jduru għoli ta' kamra fuq rasna u għamlu l-isbaħ tiż-jin li wieħed jistħajjel. Kultant kienu jinżlu xi ħut imlewna fil-baxx u jgħaddu minn fuq spallejk jew ftit bogħod minn wiċċek u jduru fil-passaġġi bejn mejda u oħra. Il-ħut dehru li jħobbuh wisq lil Nettunu għax kultant kont tara ħuta li taqbad frotta b'ħalqha, jiġu ħut oħra jgħinuha tqaxxarha b'ħalqhom, imbagħad jieħdu l-frotta mqaxxra u lesta lil Nettunu li kien mixħut bil-qiegħda mxaħxaħ fuq tron b'arzella kbira, wieqfa wara dahru.

Il-ħut ukoll ma jittiklux mis-sireni. Wieħed jista' jaħseb li għax is-sireni ma jistgħux iqabbdu n-nar taħt l-ilma biex isajru l-ħut. Iżda mhux għalhekk. Is-sireni xorta jistgħu jqabbdu n-nar taħt il-baħar. F'qiegħ il-baħar fejn jgħixu ssib bosta vulkani ċkej-knin li meta tħokkilhom il-quċċata b'xi biċċa żnied idumu jtajru nar għal siegħa; imbagħad jintfew u terġa' tħokk biż-żnied. Hi tassew ħaġa ta' gost li man-nar ma joħroġx duħħan li jdejqek u jifgak. Fil-għaxija f'qiegħ il-baħar tara bosta ħġejjeġ minn tal-vulkani jixegħlu 'l hinn u 'l hawn u ħdejn kull ħuġġieġa xi żewġ sireni, raġel u mara, jinnamraw. Jien kont inkunu ukoll ma' Lulisa fuq blata ħdejn xi ħuġġieġa taħt xi siġra li tikber fil-baħar. U tassew fih gost il-bews ta' qiegħ il-baħar meta xofftejn friski u nidjin imissu 'l xuixin f'bewsa melliesa. Il-bews ta' qiegħ il-ba-ħar mhux bews sħun; huwa bews kiesaħ li jnissillek dehxa sabiħa ta' kesħa.

Hekk, waqt li nkun inbus lil Lulisa nara għaddej fuq rasna ħut li ġisimhom jarmi d-dawl u billi jkunu fl-għoli jidhru żgħar daqs musbieħ il-lejl, u fuq rasek tara bħal sema b'ħafna kwiekeb li jiċċaqalqu 'l hinn u 'l hawn fejn ifettillhom.

Jiena bqajt ingħix ma' Lulisa, is-sirena ta' qalbi. Maż-żmien telagħli wkoll denb bħal tas-sirena, u kellna bħala tfal tagħna si-reni żgħar. Kienet tassew ħajja serena dik ta' mas-sireni, fejn ix-

xtieli tal-qiegħ ma jagħmlux għajb lil dawk ta' l-art għal dik li hi sbuħija. Hemmhekk kont noqgħod ukoll nikteb il-poeżiji fuq karti li ma jixxarrbux u linka li jiġu jagħtuni l-klamari tal-baħar stess. Il-linka, bħall-inbid, ma titħallatx mal-baħar.

Iżda din il-ħajja ma kellhiex tibqa' sejra hekk għal dejjem. Jien irġajt ġejt f'sensija u ndunajt li kont illuppjat. Xi ħadd kien daħal fil-kamra tal-lukanda tiegħi u fil-pakkett tas-sigarretti tiegħi qegħidli sigarrett minn dawk li jkun fihom il-loppju biex min ipejjiphom jibda jara ħafna fantasiji taħt is-setgħa tal-*marijuana* li jkun fih is-sigarrett. Min għamilli dak is-sigarrett ma' l-oħrajn tiegħi kien bilfors xi ħadd li jinnegozja f'dan il-kontrabandu, biex jien naqbad il-misħut vizzju tat-tipjip tal-loppju u hekk jiżdiedu x-xerrejja għas-suq tiegħu. Jien mhux talli ma qbadtx il-vizzju iżda tajt rapport lill-pulizija li għamlu tfittxija fil-lukanda, iżda dnub li ma setgħux jaqbdu min, għax min hu ma ħalla xejn li tista' titfa' ħtija fuqu.

Madankollu sgħobbija ħafna li tlift għal dejjem il-ħajja sabiħa ta' qiegħ il-baħar u l-bews tas-sirena ta' qalbi.

## FIL-MEWT TA' P. UMBERT SANT, O.P.

*Ta'* VAL. V. BARBARA, O.P.

Bikri lemħek misjura f'art għammiela
F'-Ġennien twajjeb tagħna, Frotta bnina,
Għalkemm is-siġra ħbietek sew fi dlielha
Sabek u qatgħek ħalli tkunlu żina

Tal-mejda tiegħu, fejn susa qattiela
Ma tmissek qatt, la taħt il-libsa rżina
Tal-qoxra tiegħek bajda u sewda, ġmielha
Bil-ħajr tal-qawwa wriet ix-Xemx ħanina.

La tgħirx għal sħabek illi qalb il-weraq
Għadhom jitħabtu nejja ma' l-irjieħ,
Beżgħana jekk għal-ħsad joħliex il-meraq.

Inti ma tħossha qatt teħodha miegħek
Qillet is-sajf, lanqas tax-xitwa l-ksieħ,
'Ma tibqa' għal dejjem fir-rebbiegħa tiegħek.

## MISS UNIVERSE

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Xeghlet id-dinja bik, tfajla sabiħa
Li sraqt l-għajnejn imġenna ta' l-ibliet,
Għaliex bħall-klieb u ż-żwiemel ħriġt rebbieħa
Fil-wirja ta' das-seklu, tat-tfajliet.

Nofsok mostura, kollox lwien u fwieħa.
Għoġobthom 'l-imħallfin tal-ġmilijiet:
Kif huma ssaħħru wrajk, lid-dinja sħiħa
Stqarrewk bħala reġina tax-xbejbiet.

Ifraħ bi ġmielek, 'ma tinsiex kemm isbaħ
Minnek fi djarhom hemm tfajliet miġbura
Jew jaħdmu r-raba' taħt ix-xemx qalila.

Belha li inti! Ma jdumx wisq ma jisbaħ
U tkun tixtieq li flok bil-ġmiel u s-sura
Tgħaxxaqt bis-sliem, bħal dawk, u b'ħajja twila.

---

## WARA RAQDA FIL-BUSKETT FL-IMNARJA

*Ta'* Manwel Cassar

Hawnhekk fejn qalb is-siġar smajt l-għannejja
Iħanxru il-għanjiet tradizzjonali
Fuq ferħ u diq l-imħabba, fuq l-inkejja,
Fuq ħidma u bhejjem, fuq mistrieħ u għali,

Fejn fuq is-sodda tal-ħaxix, bi ħdejja
Il-grillu jnjegħ'sni minn ġol-palm fil-għoli,
Irqadt għall-Qamar sħiħ li dawlu lejja
Bħala bews fietel u fiddien tefagħli,

Hawnhekk fhimt x'kien hemm moħbi f'dik il-ħrara
Li kebbset qlub iż-żingari mgħoddija
Biex tfittex il-miftuħ u tħalli darha,

Għaliex il-lum inħoss li fit-tħollija
Tal-għagħa tal-bnedmin hemm il-fawwara
Li tisqi 'l-qalb bil-għana u bit-tħennija.

29. 6. 53.

# NEMUSA

*Ta'* V. Ungaro

*Lil Mary Meilaq.*

Ċkejkna Nemusa
X'int inkejjuża
Ta' kull fi-għaxija
Bl-eqqel ħruxija
Qisek raddiena
Iddur bla ħniena
Tvenven ma' rasi
Tisraqli nagħsi!
Tiġi tgiddimni
Tiġi tqajjimni
U tiffittani
Sakemm tarani
Għajjien bla sabar.
Għandek mill-labar
Tniggeż bla ħniena
U msejken jiena
Bla serħ ma nara
Indur bi ħrara
B'għajnejn imberrqa
Biex forsi b'serqa
Naħkmek f'idejja
X'ħin toqrob lejja.
Iżd'int brikkuna,
Għalkemm ċkejkuna;
Minn bejn subgħajja
Taħrabli ħajja
U terġa' tvenven
U tibqa' twerden
Sakemm tgħajjini
Bla ma tħallini

Nagħlaq għajnejja
Tqila bil-għeja:
Imma dewwaqtni,
Taf kif dejjaqtni!
Indur elf darba,
Toħroġ mitt karba
Mill-qalb għajjiena;
Iżd'int, bla ħniena
Terġa' għall-għarrieda
Tissokta l-ġlieda,
W aktar minn qabel,
Qatta bla ħabel,
Taħbat għalija
Bl-eqqel ħruxija
Mur qalb il-qsari
Taqbadx ma' xagħri
Għax jekk tiffitta
Inqum nifflitta
Sakemm storduta
Narak mixħuta
Ma' l-art titmiegħek
Fit-telfa tiegħek.
Mur u ħallini
M'għandekx xi tridni:
Jekk int tismagħni
Rieqed tarani;
Jekk int tqajjimni
Għadu tagħmilni
Mur ja nemusa,
Tkunx inkejjuża!

# In Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi f'Malta

*Ta'* Ġużè' Gatt

## I.—L-ARĠENTIERA, L-OREFIĊI U L-ĠOJJELLIERA

AKTARX li ħafna mill-Arġentiera dari kellhom il-ħanut tagħhom f'dik il-biċċa triq ta' Santa Luċija, il-Belt, li tibda minn Triq Teżorerija sa Trq San Pawl, għax, ħin in-naħa kienu jgħidulha t-"Triq ta' l-Arġentiera", jew it-"Triq tad-Deheb". Ukoll fi Triq il-Merkanti, kantuniera ma' Triq Santa Luċija, sibna li dari kien hemm għajn, imsejħa l-"Għajn ta' l-Arġentiera". Din tneħħiet minn hemm fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta, meta nbnew dawk il-ħwienet li jibdew minn ma' ġenb l-Iskola Sekondarja u jispiċċaw fejn imissu mal-kuridur ta' San Ġwann. Għax qabel, ingħidu aħna sa ħabta ta' l-1810, iċ-Ċimiterju ta' San Ġwann kien għadu mikxuf xorta waħda bħan-naħa l-oħra ta' fejn il-lum hemm il-Monument ta' l-Assedju.

L-Arġentiera dari kienu mqassma fi tliet fergħat: min jaħdem fid-deheb, jissejjaħ "Orefiċi"; fil-fidda "Arġentier"; u fil-ħaġar fin 'Ġojjellier'. Iżda għalkemm kull sengħa kellha l-Konslu tagħha, it-tlieta kienu miġbura flimkien, f'"Għaqda", waħda, taħt il-ħarsien ta' Santa Liena, bl-Artal fil-Knisja ta' San Pawl tal-Belt.

Kull wieħed seta' jagħżel li jaħdem kemm f'sengħa waħda u kemm f'iżjed, ladarba jinstab li huwa tajjeb, biex isir Imgħallem, fl-eżami li jagħmel għand il-Konslu ta' dik is-sengħa li jitħajjar għaliha. Iżda, biex wieħed igħaddi wkoll għal Imgħallem u jitlob li jiftaħ ħanut għal rasu, qabel xejn irid ikun tħarreġ sewwa, billi mill-anqas ikollu jaħdem 5 snin taħt Imgħallem ieħor, kif meħtieġ b'liġi mill-Kodiċi ta' Rohan.

Min jgħaddi mill-eżami, ikollu jħallas 13-il skut, li jmorru għall-Artal ta' Santa Liena. Iżda, min jinzerta bin is-Sengħa, jiġifieri min ikollu, jew kellu, missieru Mgħallem, iħallas 5 skuti biss. M'għandniex xi ngħidu, fl-eżami li jsir, lil dak li jkun jagħtuh jaħdem xi biċċa xogħol li għandha x'taqsam mas-Sengħa li tagħha jixtieq isir Imgħallem.

Meta Gżiritna, minn taħt l-Ordni għaddiet għal f'idejn il-Franċiżi, u l-Maltin qamu kontra tagħhom, fl-irħula waqa' ħafna għaks u ġuħ kbir. Billi xi wħud waqgħu li riedu jbigħu ħwejjiġhom, bdew isibu ruħhom misruqa. Fuq hekk, il-Kap tal-Maltin, il-Kaptan Alexander John Ball, fis-16 ta' Frar, 1800, ħareġ Avviż fejn ħabbar, li billi ġie mgħarraf li n-nies qed issib ruħha mgħallta, meta tiġi biex tneħħi xi deheb jew fidda, aktarx għall-bżonn, xi wħud mix-xerrejja, rgħiba u bla ħniena, ma jagħtuhomx dak li ħaqqhom. Għalhekk, minħabba dil-biċċa, huwa sab ruħu fid-dmir li jaħtar żewġ Konslijiet: l-Imgħallem Ċikku Laferla għall-Orefiċi u l-Imgħallem Marozz Schembri għall-Arġentiera, waqt li ordna li dawn it-tnejn kellhom jiġu magħrufa b'hekk minn sħabhom l-oħra kollha ta' l-imsemmija Snajja'.

Barra minn dan, Ball ordna wkoll li, minn dak in-nhar 'il quddiem, ħadd, ikun min ikun, ma jista' jixtri ebda ħaġa tad-deheb jew tal-fidda, maħduma jew le, kemm-il-darba ma tkunx bil-boll u l-polza tal-Konslu li jmissu jkollhom, taħt piena li, min jixtri mingħajr dawn il-ħwejjeġ, ikollu jrodd lura d-deheb u l-fidda li ħassel, waqt li jitlef ukoll il-flus li ħallas għalihom.

Wara li saru l-Konslijiet li għidna, inqalgħu xi wħud li riedu jilħqu Arġentiera. L-eqdem talba li ġiet f'idejna, hi ta' wieħed jismu Ġanni Xicluna. Fiha qal li kien għadu żgħir meta taħa jaħdem fis-sengħa ta' Orefiċe u Arġentier. Għandu 35 sena. Tgħallem taħt missieru, l-Imgħallem Masu Xicluna, wieħed mill-Orefiċi anzjani, li kellu ħanut il-Belt għal dan ix-xogħol. Għalhekk, Ġanni talab li jiftaħ ħanut fl-irħula, biex jaħdem is-sengħa tiegħu.

Il-Kap tal-Maltin, A.J. Ball, ħalla f'idejn il-Qorti ta' l-Imdina, biex tara dil-biċċa hi.

Il-Qorti qabbdet lill-Konslijiet Laferla u Schembri. Dawn eżaminaw lil Xicluna u sabuh tajjeb. Fuq hekk, il-Qorti ta' l-Imdina qatgħet, fil-25 ta' April 1800, li Xikluna ħaqqu jsir Imgħallem. Biss irid iħallas 5 skuti lill-Konslijiet li semmejna, biex, meta l-Franċiżi jċiedu u jinfetħu l-bibien ta' l-ibliet, dawn il-flus imorru għall-Artal ta' Santa Liena li hemm fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt.

Ball, fuq li qalet il-Qorti, tah is-setgħa li talab.

Bħal Xicluna, laħaq ukoll b'imgħallem fl-irħula, għall-ħidma fid-deheb u l-fidda, Stanislaw Gusmano. Sar fl-14 ta' Mejju, 1800, wara li għadda mill-eżami tal-Konslijiet. Iżda billi Gusmano ma

kienx bin is-sengħa, kellu jħallas 13-il skut għall-imsemmi Artal ta' Santa Liena.

Wara li Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi, Ġanni Xicluna għamel talba oħra lill-Gvernatur. Fiha fisser kif qala' s-setgħa li jiftaħ ħanut fl-irħula. Iżda, billi issa l-ibliet huma miftuħa u saru ħaġa waħda ma' l-irħula, xtaq li jiftaħ ħanut il-Belt.

Il-Gvernatur Ball, fl-4 ta' Ottubru, 1800, bagħat it-talba tiegħu lill-Qorti tal-Kistlanija. Din, wara li kisbet mill-Qorti ta' l-Imdina kif Xicluna sar Imgħallem fl-irħula, waqt li għarrfet b'kollox lill-Gvernatur Ball, ħalliet f'idejh. U dan taħ.

F'Lulju ta' l-1801, l-Imgħallmin Orefiċi u Arġentiera, fil-għadd ta' 44 wieħed, għamlu petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha qalu li kull meta ma jkunx hemm ftehim dwar is-siwi tal-ħaġa li jaħdmu, ma' dawk li jridu jixtruha, jeħtieġ li jkun hemm xi ħadd li jaqta' dit-tilwima. L-ewlenin imħallfin maħtura mill-Liġijiet, biex jagħarfu l-karat tad-deheb u l-fidda tal-ħwejjeġ maħduma, li hi s-sengħa tal-petizzjonanti, u li jistgħu jgħidu s-siwi tax-xogħol tagħhom, jew in-nuqqas li jkun fihom, mhux dejjem kienu ż-żewġ Konslijiet tad-deheb u l-fidda, li qalu huma l-kelma ta' l-aħħar. Għalhekk, meta l-Orefiċi u l-Arġentiera, jew min ikun sa jixtri, iħossu rwieħhom magħfusa mill-perizja li ssir mill-Konslu, dwar is-siwi u l-piż tagħhom, dari wieħed seta' jagħmel rikors lill-Imgħallem taz-Zekka, billi dana kellu s-setgħa, mil-Liġijiet ta' Malta, biex jindaħal f'din il-biċċa u jaqta' hu, kemm għandha tkun il-fattura tal-ħaġa maħduma, jagħraf it-tjubija (bontà) tad-deheb u l-fidda, waqt li jgħid ukoll il-pis sewwa tagħha. Iżda, fil-qagħda tal-lum, jonqos dal-wieħed, biex jista' jaqta' l-imsemmi tilwim li jinqala' bejn l-Imgħallmin u l-Konslijiet, u dawn mannies. Huma għamlu rikors lill-Imgħallem taz-Zekka, li lari kien hawn. Iżda dan ma riedx jindaħal, għaliex qal li ma jaħsibx li għad għandu dik is-setgħa li kellu fi żmien l-Ordni. Fuq hekk qalulu (lill-Gvernatur) li billi dal-bniedem hu meħtieġ ħafna għall-ħwejjeġ li semmewlu, talbuh, biex jekk jogħġbu, jerġa' jagħtih mill-ġdid is-setgħa li kellu, inkella jagħżel xi wieħed ieħor li jidnirlu hu.

Il-Gvernatur laqa' t-talba tagħhom, u fil-31 ta' Lulju, 1801, ħatar għal din il-biċċa li riedu, lid-donat Ġużè Lebrun, drabijiet oħra Mgħallem taz-Zekka fi żmien l-Ordni u l-Franċiżi.

Il-Konslijiet ta' dawn is-Snajja' li qed insemmu, ma kinux jingħażlu minn sħabhom, bħal fi snajja' oħra; iżda dil-ħaġa kienet f'idejn il-Gvernatur, billi dana jaħtar lil dak li jmissu—l-aktar anzjan fost sħabu.

F'Mejju ta' l-1802, Toni Agius għamel talba lill-Gvernatur, fejn talab li jilħaq Konslu ta' l-Oreficì wara l-mewt ta' Salvu Grech. Iżda l-Gvernatur qata' li għandu jitlob mill-ġdid meta jkun hemm il-battâl.

Wara xi żmien, Agius reġa' talab, fejn qal li jekk imut Ċikku Laferla, li kien marid ħafna, jilħaq floku dan, billi kien qala' li jkun imissu wara Salvu Grech. Għalhekk talab biex juri d-dokumenti li għandu, ħalli jagħtih is-setgħa li kellu Laferla, ladarba dana l-impieg lilu jmiss wara l-Konslu Grech.

Wieħed mid-dokumenti li ġieb kien igħid hekk: "Toni Agius hu magħruf b'raġel sewwa ħafna u anzjan fis-sengħa tiegħu. Ta' ħila kbira, li jista' jagħraf il-għamla u l-bontà tad-deheb u l-fidda, bħalma hu hekk miżmum mill-Korp kollu ta' din is-sengħa".

L-ewwel ma nsibu mniżżel ismu f'dan id-dokument, kien l-Assaġġatur u Mgħallem taż-Zekka, Ġużè Lebrun. Wara l-Imgħallmin Arġentieri l-oħra.

Kif baqgħet dil-biċċa ma sibniex. Biss nistgħu naħsbu li, ma' l-ewwel post battâl li kien hemm laħaq Agius.

Minn kif jidher, minn dan li sa ngħidu, il-Qorti tal-Belt (tal-Kistlanija) kellha s-setgħa wkoll li tagħti xi permessi ta' Arġentiera f'Għawdex, għalkemm dil-Gżira kellha l-Qorti tagħha. Għax wieħed talab li jwelli l-ħanut ta' Arġentier li kellu lit-tifel tiegħu, waqt li xtaq li dan il-permess ta' ħanut, il-Qorti tal-Kistlanija tagħtih għal Għawdex. U billi dana għadda mill-eżami tal-Konslu, il-Qorti tatu.

Terġa', għalkemm kien ikun hawn nies li jinqalgħu biex isiru Mgħallmin Arġentiera, il-Qorti ma toħroġx permessi bir-radam. Dan tagħmlu biex kemm tista' żżomm il-għadd tagħhom bil-qies, ħalli kulħadd jaqla' l-ħobża tiegħu sewwa, u b'hekk ma jsirx tgħallit.

F'Lulju ta' l-1801, Pietru Laferla għamel petizzjoni. Fiha qal li mindu kien ċkejken taħa biex jikseb is-sengħa ta' Arġentier. Għall-ewwel taħt it-tmexxija ta' missieru, Pawlu, li għadu ħaj. Wara, minn tliet snin 'il hawn, taħt it-treġija ta' zijuh, Massimiljanu Laferla. Iżda, billi issa tgħallem is-sengħa tajjeb, xtaq

li jiftaħ ħanut għal rasu, billi dana zijuh, li xjieħ ħafna, irid iwellilu tiegħu, flimkien ma' l-isem ta' Mgħallem, li Massimiljanu kien kiseb sa mid-9 ta' Gunju, 1723. Għalhekk talab li jaħdem f'dis-sengħa—sengħa li dejjem ħadmu fiha dawk li jiġu minnu.

Il-Qorti qalet li, għalkemm hemm oħrajn li xtaqu jsiru Arġentiera, minħabba li mietu xi Mgħallmin, iżda Pietru talab li jilħaq flok zijuh. Fuq hekk, wara li l-Qorti semgħet x'qal dwaru l-Gran Viskont (il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dari) u l-Konslijiet tas-Sengħa li eżaminawh, hi tal-fehma li l-Gvernatur jista' jagħtih. U dan tah.

Laferla ieħor, jismu Ċensu, xahar qabel, jiġifieri f'Gunju ta' l-1802, għamel talba lill-Gvernatur. Fiha fisser li ġarrab it-telfa kiefra tal-mewt ta' missieru (Ċikkun), li kien Orefiċe u Arġentier. Dan, kemm fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi, kemm wara li nfetħu l-bliet, ħadem dejjem sewwa u b'tifħir bħala Konslu għall-opri tad-deheb. Iżda s-supplikant għad għandu 16-il sena biss, imma, mill-banda l-oħra, bħala bin is-sengħa ħadem fiha ma' missieru. Għalhekk f'dawn il-każi, billi t-tjubija tal-Gvern dejjem tħalli li l-ħanut jintiret mit-tfal ta' dak li jkun, talab li jħalluh iħaddem, sa kemm jiġi misjub tajjeb, il-ħanut ta' missieru bħala Mgħallem Orefiċi u Arġentier.

Il-Gvernatur tah, iżda taħt xi ftehim li nsemmu iżjed 'l isfel.

L-imsemmi Laferla, f'Marzu ta' l-1803, għamel patizzjoni oħra. Fiha qal li wara l-mewt ta' missieru, biex ma jitlefx l-avvjament tal-ħanut tiegħu, u biex huwa jkun jista' jissokta jaħdem fis-sengħa ta' Arġentier, li kien tgħallem, il-Gvernatur ta' qabel tah li jista' biss jaħdem taħt it-tmexxija ta' Mgħallem ieħor. Iżda billi dan l-Imgħallem, minħabba l-ftit bejgħ, u għalhekk il-qligħ bu ftit ukoll, biħsiebu jitlaq minn miegħu u jmur jaħdem banda oħra. B'danakollu, huwa sab Imgħallem ieħor li jrid jagħtih l-għajnuna tiegħu; u billi l-ħanut ta' dan qiegħed ma' ġenb tiegħu, irid jiftaħ bieb biex jitniffdu t-tnejn ma' xulxin. Għalhekk talab li jagħtuh dal-permess.

B'degriet tal-Gvernatur, tad-29 ta' Marzu, 1803, il-Qorti, barra ħwejjeġ oħra li iżjed 'il fuq semmejna, għarrfet b'dan ukoll: Ċensu Laferla għandu 17-il sena. B'reskritt tal-25 ta' Gunju, 1802, qala' s-setgħa ta' Mgħallem Arġentier. Iżda din tibda tiswa meta jinstab li huwa ta' ħila għal hekk. Biex ma jitlifx l-avvjament tal-ħanut li għandu, irid joqgħod taħt l-Imgħallem Gejtu

Falzon. Bejn il-ħwienet tat-tnejn, hemm jifridhom bieb ta' l-injam. Għalhekk ta' min jagħtih dak li talab. Biss, fil-ħanut tiegħu ma jistax iżommu forġa għat-tidwib. Iżda, bħala lavrant, jista' jinqeda b'dik ta' Falzon. Terġa', dan l-Imgħallem biss għandu jagħmel il-boll fil-ħwejjeġ maħduma u għalhekk hu waħdu jibqa' fid-dmir li jwieġeb għal kull nuqqas li jinstab.

Il-Gvernatur tah kif qalet il-Qorti.

Meta wieħed ikun għadu ma sarx Imgħallem, iżda jkun jaħdem ma' xi ħadd, ingħidu aħna bħalma kien Ċensu Laferla, dak l-Imgħallem, li jidħol responsabbli tiegħu, billi jagħmillu l-boll fix-xogħol li jaħdem, jiċħu nofs il-qligħ li jkun hemm.

Wara li l-Konslu jeżamina lil xi ħadd u jgħaddih biex isir Imgħallem, dan irid jagħmlu taħt ġurament, meta jgħid li sabu tajjeb fis-sengħa. B'danakollu, meta dak li jrid isir Imgħallem jinzerta jiġi mill-Konslu, biex ma jitqanqal ebda ħsieb ħażin f'dak li sar, jinħatar bniedem ieħor barrani għalih. Bħallikieku, Pawlu Schembri, fl-1803, talab li jsir Arġentier. Iżda, billi missieru, Marju, kien il-Konslu ta' din is-sengħa, il-Qorti qalet li hu xieraq ħafna li mal-Konslu ta' l-Orefiċi, flok Marju Schembri, jingħażel id-Donat Ġużè Lebrun, Imgħallem taż-Żekka, biex jagħmillu l-eżami fix-xogħol tal-fidda, kif hekk sar.

Schembri għadda u sar Imgħallem.

Fl-istess żmien ta' dan (1803), insibu wkoll lil Ġużè Grech. Dan qal li ilu fis-sengħa ta' Ġojjellier 26 sena. 16 minnhom għamilhom ma' Ċikku Vidal. Il-bqija jaħdem għalih, fid-dar tiegħu. Tliet darbiet talab biex jagħmluh Imgħallem, kull meta mietu xi Orefiċi oħra. Iżda ma kellux ix-xorti li r-rikorsi tiegħu jkollhom laqgħa tajba. Billi issa hemm battala l-post ta' 3 Ġojjellieri, bil-mewt ta' Ċikku Foragher, Ċikku Rigò u Ġanpatist Ricavi, talab lill-Gvernatur biex ikollu ħniena minnu, minħabba li hu mgħobbi b'familja kbira, biex jagħtih li jagħmel l-eżami għal Imgħallem.

Il-Qorti qalet li Grech talab li jiftaħ ħanut ta' Ġojjellier. Eżaminawh il-Konslijiet ta' l-Orefiċi u ta' l-Arġentiera u minn żewġ Imgħallmin oħra tas-sengħa tiegħu, fejn sabuh tajjeb ħafna. Barra minn hekk, għamilha ta' lavrant aktar minn 5 snin, bħalma jitolbu l-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk ħaqqu li jsir wara li jħallas it-13-il skut bħal-oħrajn. U l-Gvernatur tahielu ta' Mgħallem.

(*Jissokta*)

# L-AĦĦAR KELMA

*Ta'* P. P. Saydon

*(Jorbot ma' Marzu 1953, faċċ. 17)*

L-AKBAR għadu tal-għerf hu l-JIEN, il-Jien imkabbar bih innifsu; il-Jien li hu kollox u fuq kollox u qabel kollox ma jaraх ħlief lilu nnifsu u dak li jaqbel lilu nnifsu, il-Jien li hu l-alla tiegħu nnifsu. Kburija u regħba jissieħbu biex joħonqu, joqtlu jew ifixklu l-għerf. Għax min jaħdem fil-għalqa tal-għerf bħal min iħaffer biex isib id-deheb jew bħal min jibni taraġ biex jitla' u jogħla 'l fuq minn sħabu, ikun qiegħed jaħli żmienu u saħħtu għalih innifsu, imma mhux għall-għerf u anqas għal għajru. Il-għerf irid xogħol, taħbit, tbatija u, xi drabi, spejjeż u ċaħda ta' ħajja aktar hienja; il-Jien irid serħ, hedu, tgawdija, qligħ u ħajja hienja u ferrieħa. Il-ħlas tal-għerf mhumiex il-flus, anqas l-unuri, għalkemm dawn xi drabi jiġu mal-għerf bla ma wieħed ifittixhom; il-ħlas tal-għerf hu isem li ma jmutx, hu l-ġid lill-bnedmin, hu l-faraġ u l-hena fil-ħsieb li wieħed aktar ma jogħla fil-għerf, aktar ikun joqrob lejn Alla, għajn ta' kull għerf.

Dan mhux tlablib fieragħ; dan hu tiġrib tal-ħajja. F'art żgħira bħal Malta, fejn dawk li jafu xi ħaġa huma ftit, malli wieħed jibda miexi fit-triq tal-għerf u jkun għadda xi ftit il-Maltin oħra, malajr jinbet f'moħħu l-ħsieb li hu l-egħref wieħed, jitkabbar, irid ikun miżmum minn kulħadd bħala l-akbar għaref ta' Malta, jara 'l kulħadd żgħir, jieqaf fit-triq tal-għerf, għax minn għalih imxieha kollha fil-waqt li jkun għadu fil-bidu. Dawn ħwejjeġ li narawhom madwarna. X'ġid jista' jagħmel bniedem bħal dan? Mhux dan biss, imma l-kburi, li jidhirlu li m'hawnx egħref minnu, għajnejh dejjem 'il fuq u moħħu dejjem biex jogħla fl-unuri u mhux biex jimxi aktar 'il quddiem fit-triq tal-għerf. Marda ta' popli żgħar. Il-kburija hi sinjal ta' ċokon. Jitkabbar min mhux kbir. Imma min mexa 'l quddiem sewwa fit-triq tal-għerf u ra li, iħares fejn iħares, it-tarf ma jarah qatt, iħoss ruħu mitluf fil-wisa' bla tarf tal-għerf, bħal qatra ilma ġo nofs ta' baħar, u għalhekk flok ma jitkabbar aktar jiċċekken quddiem il-kobor bla qies tal-għerf. U dal-ħsieb iġibli tixbiha

f'moħħi. Il-għerf jixbaħ lill-qdusija. Il-qdusija taħbi lilha nnifisha u tidher biss fl-opri tagħha, hekk ukoll il-għerf, il-għerf tassew, jaħbi lilu nnifsu u jidher biss fil-ġid li jagħmel lil bnedmin oħra. Għerf u kburija ma joqogħdux flimkien, bħalma ma joqogħdux flimkien qdusija u kburija. Il-għaref kburi mhux tassew għaref, bħalma l-qaddis kburi mhux tassew qaddis. U dan tgħallimhulna l-ħajja. U jien tgħallimtu min-nies kollha li għamilt magħhom, Maltin u barranin.

Marda oħra li taħkem il-ħafna nies hi r-regħba tal-flus, li, bħal dudu ħażin, igerrem il-qalb, jerdgħalha t-tira tal-ħajja, inixxilha bħal ħatba tajba biss għan-nar. U din il-marda tirkeb il-għaref ukoll u ma tħallihx jimxi aktar 'il quddiem fit-triq tal-għerf. Għax il-għerf, bħalma għadni kif għidt, xi drabi jrid spejjeż ta' kotba u safar, u l-ħlas minn xogħlijiet ta' qligħ li ma jħallux żmien biżżejjed għax-xogħol tal-għerf. U dan in-nuqqas ta' qligħ hu meqjus bħala telf li r-rgħib ma jistax jaħmel. Il-għaref rgħib jaħdem biss għall-flus, fejn ma hemmx qligħ ma jidħolx; id-drittijiet tal-flus huma għalih aqwa mid-drittijiet tal-għerf. Tisma' min jgħid: Irrid ngħix, irrid inżomm il-familja; bla flus tmut int u toqtol 'l uliedek bil-ġuħ. Hekk hu; imma barra milli l-għerf ukoll għandu l-martri tiegħu li telqu kollox għall-imħabba tiegħu, li mietu fil-faqar biex ikabbru l-għerf, hawn ħafna li jibżgħu ftit iżżejjed mill-waħx tal-ġuħ, u li joħolqu u jżidu l-bżonnijiet tal-ħajja aktar milli jeħtieġ. Jibdew biex jaħsbu għall-ħajja ta' kuljum, imbagħad jitħajru jaħsbu għal li ġej; jiżdied ix-xogħol u joktor il-qligħ; il-qligħ iqajjem l-aptit u jrid dejjem jiżdied u joktor, sakemm fl-aħħar jagħmi għal kollox il-għaref li aktar ikun jixraqlu l-isem ta' negozjant milli ta' għaref. U kemm hi marda kerha r-regħba jgħidulna dawk ir-rgħiba li, biex jaħbu regħbithom, jisħtuha bi kliemhom biex igħożżuha f'qalbhom.

Il-marda tal-kburija qatt ma rikbitni. Min jafni jista' jgħid jiex imkabbar. Xjeħt u għad hawn min ma jafnix. Aktar jafuni barra milli jafuni Malta. Qassis bħall-oħrajn, jew kemm kemm ogħla, u xejn aktar. Ftit ilu, fi ħruġ is-sena 1951, kelli okkażjoni ta' unur għoli fil-Knisja, unur li min jaf kemm hawn min jixtiequ. Imma jien ma ridtux, għax xogħli hu l-istudju, mhux id-dmirijiet li huma marbutin ma' xi postijiet għolja fil-Knisja. Waqt li oħrajn jiddandnu bi lbies sabiħ f'laqgħat, ste-

din u festi, jien magħluq qalb il-kotba naqra jew nikteb, moħbi u minsi minn kulħadd. U darba qdajt daqsxejn ta' tbeżbiża għax f'waħda minn dawn il-laqgħat kbar ħadd ma rani. Mur għidilhom li dawk il-laqgħat għalija huma kollha telf ta' żmien, u ż-żmien mitluf ma jintrebaħ qatt. Xi ħadd igħajjarni bniedem bla ħila, nibża' min-nies; ma nafx; naf biss li l-istudju għalija hu l-egħżeż ħaġa fid-dinja li ma nibdilha ma' ħadd u ma' xejn.

Lanqas ma rikbitni l-marda tar-regħba. Fil-ħidma tiegħi qatt ma fittixt il-qligħ; qatt ma begħt għerfi, bħal mara li tbigħ ġmielha, għall-flus. Għax il-għerf jiswa aktar mill-flus u dejjem għożżejtu aktar mill-flus, ħabbejtu aktar minn kollox, u daqskemm ħabbejtu jien, ħabbni hu. Imma aktar mill-kliem jiswew il-fatti, u l-fatti tiegħi huma dawn:

Ma' tul aktar minn tletin sena studju rawwimt librerija li, naħseb, ftit hawn bħalha, jekk hawn. Infaqt ħafna flus li stajt faddalthom jew infaqthom fi ħwejjeġ oħra. Bla għodda ma taħdimx, u bla kotba ma timxix fil-għerf. Il-kotba rridhom f'idejja, u qatt ma ridt ninqeda b'libreriji oħra biex jixtruli huma l-kotba li jeħtiġuli. Il-għorrief kollha għandhom il-libreriji tagħhom imgħammrin b'eluf ta' kotba, u mhux għaref min għandu biss ftit mijiet ta' kotba, għalkemm jista' jkollu eluf ta' liri mfaddla. Ir-rgħib ma jonfoqx flusu fil-kotba.

Sefirt bosta drabi; ħadt parti f'ħafna Kongressi u laqgħat ta' Professuri f'Londra, Pariġi, Ruma, Brussels, Copenhagen, Oxford, Leyden u dejjem bi flusi. Iltqajt ma' ħafna għorrief barranin, dort Bibljoteki kbar u ħdimt fihom, ksibt esperjenza kbira li swietli aktar mill-flus li nfaqt. Ir-rgħib ma jonfoqx flusu fis-safar, u jekk isiefer darba, jaħsibha qabel ma jerġa'.

Ktibt u stampajt ħafna kotba li swewli xogħol, taħbit u flus. Il-Kotba Mqaddsa li ħriġt s'issa, jiġifieri t-Testment il-Qadim kollu, ħallewni b'tagħbija li ħaddieħor ma kienx jidħol għaliha. Għall-flus qatt ma ktibt. Imma r-rgħib ma jistampax kotba bla qligħ.

Għint bi flusi lil aktar minn student wieħed. Ma ngħidx iżjed biex ma nweġġa' qalb ħadd. Imma r-rgħib ma jerħix flusu kif ġieb u laħaq.

Dawn il-fatti jidhirli li huma biżżejjed biex juru iniex xħiħ, rgħib u kburi. Imma biex inkun għidt kollox fuqi nnifsi, inżid ngħid kelma oħra. Ma ninqalax biex nitkellem quddiem in-nies.

Haġa li jaħha kulħadd. Min jaf kemm-il darba nkun sa nitkellem f'xi laqgħa u nħoss il-kelma tmutli f'tarf ilsieni qabel ma nbexxaq fommi biex noħroġha! U dan għalija tfixkil kbir. Meta nisma' il-ħaddieħor joħroġ mitt kelma f'nifs wieħed fil-waqt li jien bil-kemm għandi ħila nlaqlaq waħda biss, inħossni bħal wieħed marbut li jrid jitħarrek u ma jistax, bħal wieħed magħtub li jrid itellaq ma' ġerrej ħafif. Aktar minn darba dat-tfixkil tellifli u ħassarli l-ħsebijiet u l-fehmiet li kelli f'moħħi fuq studji u tagħlim. li jew baqgħu midfunin ġo fija jew kienu mirdumin taħt xita kliem maili ħarġu minn fommi 'l barra. Jaf kulħadd li l-kelma għandha qawwa kbira, l-aktar meta tkun imżejna bi tlellix tas-sengħa, imsaħħna bil-ħeġġa ta' min jitkellem u msieħba minn leħen li jogħġob u minn ġesti li jagħtu ħajja lill-kelma. Bis-saħħa tal-kelma wieħed jiġbed warajh u ijassar għall-fehma tiegħu, tajba jew ħażina, l-kotra li tisma' b'ħalqha miftuħ. Il-kotra tintrebaħ u tinħakem mill-kliem aktar milli mill-fatti u mir-raġunijiet, u għalhekk l-akbar għaref hu miżmum min għandu ħila jitkellem l-aktar.

Din il-ħila jien qatt ma kelli u għalhekk il-ħsebijiet tiegħi fuq l-istudji qatt ma stajt infissirhom. Gie li fissirthom bil-kitba; imma x'tiswa l-kelma mejta ħdejn il-kelma mħeġġa u mbaqbqa ta' min ma kienx jaqbel miegħi? Ilsien ħafif jiswa għall-ġid u għad-deni, imma fil-għalqa tal-għerf l-aktar li tiswa l-ħidma; il-kotra bla għerf aktar togħġobha l-kelma, l-għorrief aktar jixxiegħlu bil-ħidma milli bil-kliem.

Nuqqas ieħor, f'għajnejn id-dinja, hu li ma ninqalax biex inżiegħel bi kliem melliesi lil min hu aqwa u ogħla minni. Għalfejn iż-żegħil u t-tmellis? Agħti lil kulħadd li ħaqqu, u biżżejjed. Xi ħadd jaħseb li jien żorr, ma nafx inġib ruħi man-nies, minni bija nnifsi. Imma min jafni sewwa, jaħseb xort'oħra. Lil min qatt kellimt bil-herra, lil min ċħadt il-għajnuna tiegħi. lil min qatt weġġajtlu qalbu bi kliemi jew bl-imġiba tiegħi? Imma mill-banda l-oħra qatt ma tgħallimt is-sengħa (jew ngħidu aħjar l-'etiquette') tan-nisa Ċiniżi 'i, meta jkunu mistednin għat-tè, jinżlu aktar minn darba b'wiċċhom sa l-art qabel ma jaslu quddiem sidt id-dar biex jieħdu minn idha l-kikkra bit-tè. Lil kulħadd li ħaqqu; it-tifħir żejjed, iż-żegħil u t-tmellis inqisu bħala nuqqas ta' ġieħ u għalhekk qatt ma ħmiltu. Qatt ma ħmiltu, imma d-dinja taħmlu, tħobbu, tridu. U jekk tridu, tħal-

las lil min jagħtihulha. U jien li ma nagħtihx, qatt ma ħadt l-ebda ħias minn għand id-dinja; mhux biss, imma minn fuq id-dinja żammitni bħala wieħed żawwali li ma jixraqlux jindieħes man-nies kif tridhom id-dinja. L-unuri qatt ma fittixthom, u għalhekk jekk id-dinja żżommni bi dħuli jew żorr xejn ma jolqotni. Ħaġa waħda tolqotni ħl-laħam il-ħaj, li l-kelma tiegħi fuq ħwejjeġ ta' tagħlim qatt ma kienet mismugħa. Mismugħa u milqugħa l-kelma, tajba jew ħażina, ta' min għandu lsienu tal-għasel; imma l-kelma tiegħi, li kienet dejjem il-kelma tal-fatti, anqas biss ma daħlet minn widna biex toħroġ mill-oħra. U dan għalija kien u għadu telf kbir. Jirbaħ mhux min għandu raġun, imma min għandu l-aħjar armi, u l-aħjar armi, l-armi li bihom tiġġieled id-dinja, mhumiex f'idejja.

* * *

Wara li kxift lili nnifsi bit-tajjeb u n-nuqqasijiet tiegħi, darb'oħra nuri kif dħalt għax-xogħol, xi ħdimt u ma' liema tfixkilt iltqajt.

---

## BHALL-WERAQ....

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

Rajthom jitriegħdu l-weraq
maż-żiffa ta' fl-għaxija?
Iva, rajthom jitbandlu
f'żifna t'għors u tgawdija.

Rajthom neżlin il-weraq
minn ħdan ommhom
[maqtugħa?
Iva, rajthom jitgerbu,
bla lewn, ma' l-art mitfugħa.

Bħalhom kienet tħaddar
il-ħajja ta' tfuliti,
u bħalhom għext fil-hena
l-ħolma ta' żgħużiti.

Il-lum, għalkemm fix-xefaq
ix-xemx għadha titlajja,
u ftit tad-dija tixgħel
fid-dlam ta' din il-ħajja,

Inħoss it-toqol jagħfas,
l-imrar qiegħed jiżdied,
flok daħk insib il-biki,
flok il-ftehim il-ġlied.

Rajthom maż-żiffa nieżla
il-weraq tal-ħarifa?
Hekk din il-Ħajja għaddejja,
Dell ta' ħolma ħafifa.

23. 8. 53.

# IL-LABTU TAL-MADONNA

*Ta'* Beneditt M. Caruana, O. Carm.

Omm Alla, kbira, mqaddsa,
Bint Ibnek, il-maħbub,
Li tajtna biex jeħlisna
Mill-hemm qalil tad-dnub,
Int biss fost dawn id-dwejjaq
Balzmu tal-qalb li jfejjaq
L-uġigħ, il-grieħi, l-mard.

Int qawwa ta' l-insara,
Int saħħa tad-dgħajfin,
Fik qlubna l-għaxqa jsibu,
Fik ħniena l-midinbin;
Int għajn ta' grazzji wtiqa,
Li xxabba' b'xita sfiqa
Il-wiċċ ta' dina l-art.

Marija, fejn ifittex
Il-bniedem serħ il-qalb?
Jekk fik ma jsibx il-faraġ
Lejn min idur fit-talb?
O Verġni, f'min jittama
L-imsejken, ħati u agħma,
F'dal-wied ta' mrar u dmugħ?

Min qatt it-tama qiegħed
Fik u ma sabx is-serħ?
Min għandek ġie u qalbu
Ma mtlietx bl-hena u l-ferħ?
F'kull għawġ li nikket qalbna
Lejk aħna għollejna talbna
U dejjem kien milqugħ.

Elija mill-Karmelu
Lemħek bħal għajn ta' ġid,
Sabiħa, qatt mittiefsa,
Fi ġmiel għal kollox ġdid;
Kollok imħabba u ħniena
Bħal Omm li trid timliena
B'riżq is-sema kull waqt.

U ħadt f'idejk dik l-għolja,
Li ssaħħar kull maħluq
Bil-ġmiel tal-ward u l-ħdura;
It-tron tiegħek hemm fuq
Waqqaft, u dik is-siegħa,
Ir-rhieb li għammru fiha
B'kull barka Int seddaqt.

Bħal Omm l-iżjed maħbuba
L-Ordni f'idejk irfajt,
Sew bħal tarbija ħelwa;
Ismek Inti lilu tajt,
B'kull ġid u hena mlejtu,
U kemm tassew ħabbejtu
Urejt bl-egħġubijiet.

U meta qam il-baħar
U venven riħ qalil,
Li ried iqaċċat, jobrom
U jeqred fit-taħbil
Lill-Ordni mqaddes tiegħek,
Meddejt il-qawwi driegħek,
Ħaristu mis-smewwiet.

Għażilt bniedem qalbieni,
Qaddis, minnek maħbub,
Biex jeħles lil dawn ħutek
Minn ħalq il-kiefra lpup:
Għażilt lit-twajjeb Xmuni,
Kif Alla 'l Ġedejuni,
Bniedem qawwi u felħan,

Kien bagħat biex jifdi 'l ħutu
Mill-għadu mqit: u nżilt,
Għat-talba mħeġġa tiegħu,
U lilu fis newwilt
Mis-sema dik it-tarka
Ta' qawwa, saħħa u barka;
Għamiltu dlonk ferħan.

Il-Labtu. O xi ħlewwa,
Xi ġmiel, x'għaxqa ta' lbies!
Aqwa mill-mant tas-slaten,
Sabiħ, għani bla qies!
Ġmielek, isbaħ, Madonna,
Mill-ward ifuħ tal-ġonna,
Jidher ġo fih mirqum.

O x'tama f'din il-ħajja
Ta' slaleb, għawġ u mrar
Jitfa' ġo qalbna l-Labtu!
Aqwa mill-aqwa azzar
Fit-taqtigħat qerrieda,
X'ħin l-għadu għal għarrieda
B'qilhu għalina jqum.

Għaliex ja msejken bniedem,
Titnikket meta l-ħsieb
Tal-ħtija jaħkem fuqek,
W għat-tama ħelwa l-bieb
Ta' qalbek tagħlaq f'diqa?
Ta' l-Omm il-wegħda wtiqa
Kull qalb timla bis-sliem.

"Kulmin dil-libsa jilbes,
Inħarsu, qalet l-Omm,
Min-nar qalil ta' dejjem,
B'imħabba lilu nżomm
Bħall-egħżeż fost uliedi,
U fis mill-ħruq fejjiedi
Nerfgħu fl-hena bla tmiem".

Kif dielja mneżżgħa u għaxja,
Imkagħbra mit-taqlib
Tar-rwiefen, f'xitwa ħarxa,
Li l-qerda fl-għera jġib,
Mill-ġdid kif titbissmilha
Hanina u sselmilha,
F'ewl ir-Rebbiegħa, x-xemx,

Ferħana tibda tħaddar
U bl-għeneb targa' tfur,
Tinfirex ma' kull naħa,
Hekk l-Ordni bl-hemm maħqur,
Li fl-għawġ kien għoddu nqered
Ixxettel raġa' u xtered,
Qalb ferħ li bħalu m'hemmx.

Bħalma tinfirex berqa
U ddawwal minnufih
Minn tarf ta' l-art għall-ieħor,
U turi f'dawlha lħih
Tal-ħlejjaq is-sbuħija,
U s-sema bl-isbaħ dija
Tixegħlu bħal bin-nhar,

Hekk xtered f'daqqa waħda,
Marija, l-lbies għażiż,
Li tajtna fl-aqwa mħabba;
Malajr, mill-aktar fis,
Tajjar mill-art id-dnewwa,
Mela bil-ferħ u l-ħlewwa
Kull ħsieb, kull qalb, kull dar.

U deher fi ġmielu jilma
Fuq sider il-Papiet,
Libsuh kbarat u slaten
Fuq l-ifjen dehbijiet;
L-għaref, il-kbir u ċ-ċkejken,
Il-fqir, l-għani u l-imsejken,
Ilkoll iżżejnu bih.

Rahan ta' ħelsien f'dal-Labtu,
Maħbuba Omm, waqqaft;
Int bih minn ħalq il-kiefer
Dragun wisq drabi ħtaft
Lil min għoddu nbaram,
Waqt l-għawġ li fih insaram,
Tad-dlamijiet fil-qiegħ.

Hares, arahom issa
'L uliedek imxerrdin
Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha,
B'din il-Libsa mżejnin,
U miegħek, o Sultana,
Magħquda 'koll ferħana
Bi-imħabba qima jtuk.

Quddiem it-tron ta' sebħek
Aħna wliedek flimkien,
Miġbura llum ninxteħtu
F'riġlejk u bl-oħla lsien
Tifħir u ħajr ninsġulek
Minn qalbna u nsellmulek;
Bil-ħrara nitolbuk:

Bil-Libsa mqaddsa tiegħek
Imżejna żommna ħdejk,
Il-qlub li tbiegħdu minnek
Mill-ġdid iġbidhom lejk:
Jekk twajba dlonk seddaqna,
Jekk dgħajfa fis wettaqna;
Kun faraġ tagħna u dawl.

N.B. — Din il-poeżija kienet miktuba fl-1951, għall-festi tas-seba' ċentinarju tal-Labtu tal-Karmnu, iżda minħabba f'xi raġunijiet ma setgħetx tiġi stampata f'dik l-okkażjoni.

## REĊENSJONIJIET

Kull min jixtieq li jsirlu f'"IL-MALTI" reċensjoni ta' xi ktieb li jistampa għandu jibgħat lill-Editur ta' "IL-MALTI" kopja tal-ktieb.

Il-kotba li jinbagħtu bħala *kompliment personali* ma jitqisux bħala kopji għar-reċensjoni.

# Manuskritt dwar il-Vanġelju ta' San Ġwann maqlub bil-Malti

*Ta'* A. CREMONA

MA'ILU xejn ġew f'idejja xi bċejjeċ tal-Vanġelju ta' San Ġwann bit-traduzzjoni bil-Malti ta' G. M. Canolo (1822) flimkien mat-test Latin tal-Volgata u t-test tat-traduzzjoni ta' Martini bit-test fir-raba' kolonna tal-korrezzjoni magħmula mill-kittieb tal-manuskritt, li ismu ma jidhirx. Dawn is-siltiet huma fotografija tal-manuskritt oriġinali li bħalissa jinsab għand il-Bibljotekarju Dom Mawru Inguanez lilu ikkunsinnat mir-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex, Dr. V. Borg Grech, li kien sabu qalb xi karti oħra fil-Habs tal-Kastell ta' Għawdex. Dom Mawru Inguanez, li bil-ħlewwa kollha għoġbu jurihomli, deherlu li dawn jistgħu jinteressaw lill-istudjużi tat-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti, u għalhekk offrieli l-fotografija ta' xi bċejjeċ mill-manuskritt biex inkun insta' nippubblikahom f'"Il-Malti". Ta' dan il-favur nirringrazzjah b'ismi u b'isem ukoll l'editur ta' "Il-Malti".

Għal min forsi ma jafx, it-traduzzjoni bil-Malti tal-Vanġelju ta' San Ġwann ta' Canolo hija l-ewwel traduzzjoni biblika bil-Malti li kienet dehret stampata sa l-1822. Il-qarrej jista' jaqra dwar it-traduzzjoni dak li jiena kont ktibt f'*Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu* (1937) pp. 94-97—bijografija li qabel ma għaqqadtha fi ktieb kont ħriġt biċċa biċċa f'"Il-Malti" (1932-37). F'din il-bijografija kont ġibt xi siltiet tat-traduzzjoni bil-Malti mill-Vanġelju ta' San Ġwann ta' l-ewwel u t-tieni edizzjoni ta' Vassalli u ta' Canolo biex il-qarrej jara d-differenza fit-traduzzjoni taż-żewġ tradutturi u fl-istess ħin semmejt il-fehma tal-Professur Mons. P. P. Saydon, dwar dawn it-traduzzjonijiet (Ara *Vassalli u Żminijietu*, kif imsemmi fuq, pp. 96-97).

Din id-darba għandna quddiemna t-traduzzjoni tal-Vanġelju ta' San Ġwann ta' Canolo mxebbha ma' dik tat-test Latin tal-Volgata u mat-traduzzjoni tal-Martini bil-korrezzjoni magħmula mill-kittieb tal-manuskritt.

Minnha sa nġibu hawn taħt dawn is-silitiet, jiġifieri ta' xi bċejjeċ mill-Kap. IV tal-Vanġelju ta' San Ġwann.

Billi għal dak li hu Malti l-manuskritt hu miktub bl-alfabet ta' Canolo u De Soldanis li fih hemm imdaħħla l-*għajn* Għarbija u

xi ittri fonetiċi (bid-dijakritiċi) li aħna ma nużawx, u billi l-ortografija tal-kittieb tal-manuskritt ma taqbilx f'kollox ma' ta' Canolo, it-traskrizzjoni taż-żewġ testi Maltin tidher hawnhekk skond l-ortografija *tal-Għaqda*.

**Test Latin skond il-Volgata**

40. Cum venissent ergo ad illum Samaritani rogaverunt eum ut ibi maneret, et mansit ibi duos dies.

41. Et multo plures crediderunt in eum propter sermonem eius.

42. Et mulieri dicebant: Quia, jam non propter tuam loquelam credimus: ipsi autem audivimus, et scimus, quia hic est vere Salvator mundi.

43. Post duos autem dies exiit inde: et abiit in Galilaeam.

**Traduzzjoni Taljana ta' Mons. Martini**

40. Portatisi adunque da lui que' Samaritani, lo pregarono a trattenersi in quel luogo. E vi si trattenne due giorni.

41. E molti più credettero in lui in virtù della sua parola.

42. E dicevano alla donna: Noi già non crediamo a riflesso della tua parola: imperocchè abbiamo noi stessi udito, ed abbiam conosciuto, che questi è veramente il Salvatore del mondo.

43. Passati poi i due giorni si partì di là: e andò nella Galilea.

**Traduzzjoni Maltija ta' G.M. Canolo—1822**

40. U meta ġew emmela lejh es-Semaritani, talbuh li jibqa' hemma. U baqa' hemma jumejn.

41. U bosta eżżied emmnu bih menħabbaf kliemu.

42. U qalu lill-mara: Essa ma hux menħabbaf kliemek nemmnu, emma għaliex aħna smagħnieh, u għarafna, li dan hu tas-sewwa el Hallies taddinja.

**Korrezzjoni tat-traduzzjoni Maltija**

40. Wara immela li ġew fejnu s-Samaritani, talbuh biex jibqa' hemm. U hu baq' hemm jumejn.

41. U bosta aktarx emmnu fih minħabbaf kelmtu.

42. U kienu jgħidu lill-mara: Ma hux kliemek li jġagħalna nemmnu, iżda għaliex aħna stess smajnieh, u għarafna illi dan hu tabilħaqq is-Salvatur tad-dinja.

| | |
|---|---|
| 48. Wara jumejn ħareġ men hemma, u mar fel-Galilea. | 43. U minn hemm u jumejn ilarġa minn hemm u mar fil-Galilea. |

Biex nagħtu xi ħjiel iżjed fil-wisa' tat-testi Maltin, jiġifieri tal-Malti ta' Canolo mxebbaħ ma' dak tal-kittieb tal-manuskritt, nissuktaw inġibu xi siltiet oħra ta' dawn it-testi bla ma nġibu għal qosor it-test Latin u Taljan.

| Traduzzjoni Maltija ta' G.M. Canolo | Korrezzjoni tat-traduzzjoni |
|---|---|
| 49. U qalu er-rajjes: Ja Mulej enżel qabel ebni ma jmut. | 49. Qallu r-raġel: Sinjur fittex inżel qabel ma ibni jmut. |
| 50. Murr, qallu Ġesù: igħix ebnek. U er-rajjes emmen elkliem li qallu Ġesù, u marr. | 50. Qallu Ġesù: Mur, ibnek igħix. U r-raġel emmen ilkliem li qallu Ġesù, u mar. |
| 51. U meta kien qorob lejn ed-dar, ġrew lejh el-qaddejjin, u ħabbruh, qalulu, el kif ebnu hu ħaj. | 51. U malli kien sejjer, ġew fuqu s-servi bil-bxara, u qalulu li ibnu ħaj. |
| 52. Saqsiehom emmela x'ħin beda jgħaddi għall-aħjar. U huma qalulu: Elbieraħ f'xi essebgħa, ħallieh ed-deni. | 52. Għalhekk staqsihom x'ħin għadda għall-aħjar. U qalu: li l-bieraħ fil-għaxija ħallieh id-deni. |
| 53. Għaraf emmela el missier, li hija kienet dik is-siegħa, li fiha qallu Ġesù: igħix ebnek: u emmen hu, u daru kollha. | 53. U hekk għaraf il-missier li kien dak il-ħin li Ġesù qallu: igħix ibnek; u emmen hu u daru kollha. |
| 54. Dan hu et-tieni miraklu, li għamel minn ġdid Ġesù meta raġa' (ġie) mell-Ġudea fil-Galilea. | 54. Dat-tieni miraklu raġa' għamel Ġesù wara li ġie mill-Ġudea fil-Galilea. |

Inħallu għall-qarrej il-kommenti dwar id-differenza taż-żewġ traduzzjonijiet. Iżda ma nistgħux ma nosservawx li, għal dak li hu lessiku u kostruzzjoni sintattika, il-qarrej għandu jaqbel magħna li l-korrezzjoni tat-traduzzjoni tat-test ta' Canolo hija wisq iżjed popolari jew mexxejja, iżda mbagħad għal dik li hi reqqa jidher ukoll li l-kittieb tal-manuskritt, jiġifieri r-reviżur tat-traduzzjoni, ma għarafx japprezza xi espressjonijiet ta' Canolo bit-

tibdil li għamel li f'xi bnadi jitbiegħed mit-test tal-Latin u mit-traduzzjoni tal-Martini.

Ir-reviżur deherlu li għandu jikkoreġi wkoll it-traskrizzjoni ta' Canolo, billi jbiddel xi simboli ta' l-alfabet, ngħidu aħna fejn Canolo juża *k* għal *kaf*, *s* bi tliet punti fuqha għax-*xin*, *j* għal *ja*, *k* b'żewġ punti fuqha għal *qof*, ir-reviżur juża *ch*, *sc*, *gn*, u *k*. It-traskrizzjoni ta' l-ittri ta' Canolo mhux dejjem taqbel mat-test u lanqas f'xi bnadi l-kostruzzjoni ta' xi kliem fil-manuskritt ma taqbel mat-test tat-traduzzjoni ta' Canolo. Ara taħt 50 fejn fil-manuskritt tar-reviżur naqraw : *Murr qallu Ġesù : igħix ebnek* fil-waqt li fit-test naqraw : *Ġesu qallu : Murr, jgħix ebnek.*

---

# MAMMONA

## *Ta'* Dun Frans Camilleri

Irrid immut bil-ġuħ miili din qalbi
 Titlef il-ġieh, id-dawl u l-kenn ta' mħabba
Jew tħassar xewqti u tberridli talbi
 U tħalli ismi, mħabba fik, imtabba'.

F'idejk, Mammona, ssib kemm trid ilsiera
 Li jiġru wrajk bla nifs, bla ġieh, bla sliema :
Jien nibqa' nimxi din it-triq imwiegħra
 Hieni bil-ftit, bla għira u bla ndiema.

Mishut min lilek, fuq il-Ħaqq u s-Sewwa.
 Iqimek bla ma jqis serq u moħqrija ;
Min jagħsar demm il-fqir, min dik il-ħlewwa
 Jaħsad mill-qlub, għall-Flus, minn dar kennija.

Kemm int bla qalb, bla ġieh ma ngħidux jiena :
Inti ċarċart demm Alla mingħajr ħniena !

# VARIA ATQUE BREVIORA

## MORFOLOĠIJA U SINTASSI

### Espressjonijiet Interrogativi u Esklamativi

1. (a) *Qatt* u *ħadd* f'espressjonijiet interrogativi jistgħu jinhemżu mal-partiċella *x* :—

*Qattx mort iċ-Ċirkewwa? — Ħaddx jista' jkellmek?*

(b) Ukoll f'sentenzi esklamativi :—

*Qattx rajt tifla ta' dak id-daqs iddoqq il-pjanu? — Kemm tistagħġeb mix-xejn!*

2. (a) *Kull* f'espressjonijiet avverbjali komposti :—

| | | |
|---|---|---|
| *Kull fejn* | (qabbel l-Ingliż | *wherever*) |
| *Kull meta* | ( ,, ,, | *whenever*) |
| *Kull min* | ( ,, ,, | *whoever*) |
| *Kullimkien* | ( ,, ,, | *everywhere*) |
| *Kull tant* | ( ,, ,, | *every now and then*). |

(b) Espressjonijiet avverbjali li fil-Malti jitfissru b'xi partiċella bejn verb imtenni :—

*Qal x'qal; mar fejn mar; hu min hu* (*hu* flok verb); *daħal x'hin daħal.*

3. *Jekk, kieku* u *li* f'xi espressjonijiet kondizzjonali :—

*Jekk tmur* (futur) *issibu; kieku mort* (passat) *sibtu; li mort* (passat) *sibtu* jew *kont issibu.*

4. L-aġġettivi jistgħu jkollhom il-forma ta' verbi fl-Imperfett :—

*Ilma jagħli; ħadida tikwi; ilma jismot; borma toqtor; għasfur igħanni; sikkina taqta'.*

5. Il-Malti jinqeda bl-*m* bħala preformativa mal-komparativ biex juri l-kwalità ta' daqs u tal-piż, ecc., ta' persuna jew oġġett imxebbha ma' dik ta' persuna jew oġġett ieħor :—

*Mitwal qasba; musa' xiber; mitqlu deheb; meħxon saba'.*

6. Użu idjomatiku tas-suffiss pronominali femminil *ha* ma' preposizzjoni :—

*Ma ġejtx fiha. Xi trid tgħid biha? Din x'fiha?*

Jew bħala oġġett tal-verb :—

*Ibigħha bil-għali! Hadha miegħu. Tista' tgħoddha b'waħda! Ghadu marid? Iva. Kif inhu? Jilgħabha. Jagħmilha tajjeb. Tagħmilha bi kbira!*

# GHAQDA TAL-KITTIEBA ŻGĦAŻAGĦ

L-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* hija għaqda li tiġbor fi ħdanha l-iktar żgħażagħ imħeġġin għall-kitba li hawn f'Malta. Twaqqfet fit-23 ta' Settembru 1951 bl-inizjativa tal-Fundatur, Vincent Caruana, meta saret l-ewwel laqgħa fid-dar tas-Sur John Dougal, il-Marsa, li ġentilment silifhom kamra minn daru għall-okkażjoni.

L-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* kompliet tissoda bil-ħidma tal-fundatur u ta' membri oħra bħal Manwel Cesar, John Sciberras, Pawlu Mifsud, George Stevens, Jessie Bugeja, Ġużi Abela (issa msiefer fl-Awstralja) u membri oħrajn. L-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* tagħti xandira fix-xahar bir-Rediffusion u hemm probabbiltà kbira li x-xandira tibda ssir darbtejn fix-xahar. F'din ix-xandira jinqraw xogħlijiet miktuba mill-membri stess li qatt ma jkunu dehru pubblikati jew imxandra qabel bir-Reidffusion. Ix-xandira ta' l-Għ.K.Ż. hija waħda fost l-iktar xandir serju li jsir bir-Rediffusion. L-Għ.K.Ż. kienet waħda mill-għaqdiet kulturali li għas-sejħa tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* taw appoġġ għat-talba li saret lir-Rediffusion għall-ħlas iżjed xieraq lill-kittieba Maltin.

L-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* ma tagħmilx biss attività ta' xandir iżda tagħmel ukoll laqgħat letterarji fejn il-membri jaqraw proża u poeżiji tagħhom, u wara jsiru rimarki istruttivi mill-membri l-oħra; fis-sentejn li ilha wieqfa l-Għ.K.Ż. saru bosta *lectures* minn membri għall-membri, fejn membri li ġà għandhom bidu ta' triq fil-letteratura jagħtu tagħrif siewi lill-membri li m'ilhomx wisq ma qabdu jħaddmu l-pinna tagħhom. Il-kumitat tal-Għ.K.Ż .għandu f'moħħu li jagħmel ukoll dibattimenti u attività ta' natura oħra.

Dan kollu juri li l-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* qiegħda fil-fatt tilħaq l-iskop li għalih twaqqfet, jiġifieri dak li tħarreġ lill-membri tagħha għall-kitba.

# REĊENSJONIJIET

**"WERAQ TAR-RAND"** ta' Viator Errans. — Stamperija, Giov. Muscat, Malta, 1952.

"Viator Errans" tana s'issa f'idejna erba' kotba: "Weraq tar-Rand", "Omero", "L-Enejde", "Sant'Jermu". Jidher li Viator Errans hu poeta prolifiku, jikteb fuq kull suġġett u taħt kull għamla ta' poeżija. Is-suġġetti tiegħu jvarjaw minn fuq waida għal fuq postijiet storiċi bħal Għar Dalam u Sant'Anġlu. Dawn il-poeżiji huma l-prodott ta' studji letterarji kbar, u juru li l-awtur ivvjaġġa ħafna: il-biċċa l-kbira tal-poeżiji mhumiex ħlief il-frott ta' l-esperjenza mill-akbar li hu ħassel matul dawn il-vjaġġi. Acicastello, Taormina, Londra kollha jiffurmaw poeżiji li juru s-sens qawwi ta' osservazzjoni li għandu l-poeta, is-sengħa fid-deskrizzjoni u l-element narrativ, l-isfond kulturali u l-istudji profondi tal-klassiċi.

Nies li ħallew isem kbir fl-istorja ta' l-umanità qanqlu wkoll l-ispirazzjoni ta' "Viator Errans". Alessandro Manzoni nsibuh imnaqqax fil-ħajja tiegħu letterarja: aħna u naqraw, naraw u niftakru fil-persunaġġi ta' "I Promessi Sposi", persunaġġi mimlija ħajja u vitalità li, kif jikkommenta tajjeb l-awtur, "kull wieħed minnhom għandu lotta spiritwali". Leonardo da Vinci, ġenju Taljan, li qabad it-triq iebsa u mudlama ta' l-inġinerija pittura u skultura, u fuqha tefa' d-dawl tal-għerf tiegħu, dawl li baqa' u li jibqa' jiddi matul is-sekoli, ispira wkoll lil "Viator Errans".

Hemm ħafna x'wieħed jixtarr f'dan il-ktieb ċkejken, hemm ħafna x'wieħed jitgħallem. Il-poeżiji, sew jekk lirika fuq ir-Reġina, kemm jekk inhuma mibnija fuq stil klassiku bħalma hi l-Libertà, juru l-ħedma ta' spirtu indipendenti, ix-xogħol ta' poeta li fil-versi tiegħu jnaqqax nota individwali.

Iżda dan il-ktieb, għalkemm l-isforz letterarju hu kbir u sabiħ, ma jistax iħalli impressjoni qawwija fil-letteratura ta' pajjiżna. Il-poeta għandu kultura iżda nieqes mis-sentiment, għandu studji kbar ta' storja iżda nieqes mill-immaġinazzjoni, għandu l-kelma mirquma u mżewqa iżda nieqes mill-qawwa espressiva, għandu l-ideat iżda ma jlibbishomx bil-ġmiel tar-ritmu, iħallihom għerja, prożajċi. Ngħidu aħna, fil-poeżija "Art il-Għasel", "Viator Errans" jiġri ġirja ma' l-istorja ta' Malta, imma fejn hi l-qawwa immaġinattiva u t-trattament oriġinali li nsibu fil-poeżiji ta' bażi storika ta' Ġorġ Pisani? Għandna l-poeżija "Villa Rumana", katalgu ta' ġrajjiet li għaddiet minnhom din il-villa, imma fejn hi l-ħila u s-sengħa kreattiva li nsibu fis-sunett "Herba" ta' Dun Karm? "Viator Errans" tana poeżiji, ħafna minnhom mibnija fuq stil klassiku-romantiku, li aħna u naqrawhom jiftħulna beraħ il-bieb ta' l-intellettwalità tagħna, iżda jħallulna bla ħajja s-sentiment li hu l-element l-aktar importanti ta' l-aħjar poeżiji.

**"OMERO"**

Dan hu t-tieni ktieb ta' poeżija ta' "Viator Errans". Din hi ġabra ta' poeżiji, il-prinċipali fosthom, ma għandniex xi ngħidu, hi l-poeżija "Omero". Il-poeta jiftaħ billi jirrakkonta fuq ħafna mill-pajjiżi li ġera matul ħajtu u l-impressjonijiet tajba li tawh. Imbagħad igħidilna illi fih ħass ix-

xewqa illi mill-kotba tal-kbar, "bċejjeċ żgħar, minn hawn minn hemm, fl-ilsien naqleb ta' pajjiżi, ħalli dawk li b'ilsien wieħed jafu biss, igawdu wkoll minn tant għerf, minn tant sbuħija". Il-qarrej hawnhekk isib l-argument u r-rakkont ta' l-Iliade, rakkont ta' interess u tagħlim kbir għal min qatt ma rnexxielu b'xi lingwa jew oħra jaqra dan ix-xogħol epiku. Il-versi din id-darba jdoqqu sabiħ, jiġru ħfief, u l-idea hi mfissra b'mod ċar u sempliċi. Iżda l-poeta jidher li m'għandux, fin u rqiq għal kollox, id-don tas-sensibiltà għax kieku ħafna kliem, u xi ħsibijiet ukoll, kienu jibqgħu barra.

F'dan il-ktieb insibu wkoll "Il-Mewt ta' La Vallette", "Gananton Vassallo", "Estorel", "Ogigea", "Ħaż-Żebbuġ", "Qiegħ San Ġwann" u ġabra ta' sunetti "Il-Port il-Kbir". Dawn il-poeżiji kollha juru l-istudji profondi tal-poeta fil-friegħi differenti tal-ħajja u ta' l-arti, iżda għal dik li hi teknika l-poeżiji difettużi ħafna; il-kelma hi bosta drabi iebsa u bla lewn, ir-ritmu bla fluwidità u bla ħajja.

**L-"ENEJDE"**

Il-poeta kif wiegħed fil-ktieb ta' qabel, tana fl-Ilsien Malti siltiet mill-Enejde, epika ta' Virġiljo li fiha jirrakkonta l-avventuri ta' Enea. L-istess bħall-Iliade "Viator Errans" irnexxielu jagħtina idea tajba ta' biċċa xogħol klassika mill-aqwa. B'din il-kitba l-awtur fetaħ triq ġdida fl-istorja tal-poeżija Maltija. Effettiv ħafna l-ħsieb tal-poeta f'dawn l-erba' versi fil-poeżija "Virġilju" li biha jagħlaq il-ktieb:

*O ruħ taż-żmien, li m'għandekx tmiem, ideal*
*Li tmexxi d-dinja, b'qalb tan-nar issus,*
*Tiftaħ il-moħħ, timxi 'l quddiem bla sabar*
*u bla mistrieħ!*

F'dan il-ktieb, minbarra din il-poeżija, insibu wkoll poeżiji oħra fuq suġġetti mitoloġiċi, deskrizzjonijiet ta' postijiet, u ġrajjiet b'kulurit lokali bħalma huma "Għar Ħażan", "Il-Maqluba" u "Majmuna", ġrajjiet ibbażati fuq perijodi importanti u interessanti ħafna fl-istorja ta' Malta.

**"SANT'JERMU"**

Il-ħila, il-qlubija, is-sagrifiċċji, it-tama u t-tbatija ta' missirijietna huma mfissra f'din il-poeżja "Sant'Jermu". Il-poeta jirrakkonta l-ġrajja li għaddiet minnhom din il-fortizza fl-Assedju ta' l-1565: iqegħdilna quddiemna kwadru ta' ħerba, jurina l-ansjetà tal-Kavalieri u tal-Maltin, l-għaks, it-tbatijiet u l-mewt li ġarrbu. Iżda din il-poeżija, bħall-biċċa l-kbira ta -poeżiji ta' "Viator Errans" ma fihiex ir-ruħ ta' l-ispirazzjoni. Mhijiex ħlief rakkont, xejn aktar. Il-persunalità tal-poetà ma tidhirx. Qabbilha mal-poeżija "Il-Għanja tar-Rebħa" ta' Dun Karm, u tara baħar ta' differenza fis-sentiment ta' wieħed u l-ispirazzjoni ta' l-ieħor. Fuq kollox, "Viator Errans" jinqeda b'ħafna kliem u frażijiet li mhumiex poetiċi li jtellfu għal kollox il-ħlewwa u l-ġmiel tal-melodija, u l-versi l-biċċa l-kbira minnhom juru li l-poeta ma għandu ebda sens estetiku.

Jien żgur li dawn l-erba' kotba ta' "Viator Errans" kienu jħallu impressjoni mill-aħjar fiċ-ċirkoli letterarji ta' pajjiżna kieku l-poeta, minbarra l-kultura u l-esperjenza, kellu wkoll is-sengħa artistika tal-kelma, l-immaġinazzjoni aktar ħajja, is-sentiment aktar profond, u s-sensibilità aktar fina b'mod li jaf jagħżel it-tajjeb mill-ħażin. B'hekk kien ikollna tabilħaqq poeżija ta' ħajja twila li tagħmel ġieh lill-letteratura Maltija. GUŻE' CHETCUTI.

**"IL-HAJJA TAL-BEATU MARTIN DE PORRES"** — Ta' P. Val. Barbara, O.P.

Għad li meta wieħed jikteb ħajja ta' Qaddis, ikun daħal fil-kamp storiku, mhux bil-fors li biex ma jitlifx il-kronoloġija tal-bijografija wieħed għandu jtaqqal kitbietu bid-dati storiċi jekk ikun irid joħroġ fil-kamp morali u jifrex quddiem il-qarrej l-egħmil li jilma ruħ il-Qaddis.

Fil-ktejjeb fuq il-Hajja tal-Beatu Martin de Porres li tana P. Val. Barbara O.P., wieħed jara li l-awtur ma żammx quddiem għajnejh ħaġa oħra ħlief il-kamp morali hekk li neżża' l-ħajja tal-Beatu minn kull dati u tagħrif storiku li seta' jxekkel il-ħsieb tiegħu. Hlief id-data tat-twelid u l-mewt ma tiltaqax ma' oħrajn. Dan kien il-għan li għalih inkitbet il-ħajja u li ntlaħaq: "Kienet il-fehma tagħna li f'dan il-ktejjeb nagħtu daqqa ta' għajn mill-eħfef fuq il-ħidma u x-xogħol tal-Beatu Martin de Porres". Il-ħajja miktuba f'sura ta' ġrajja u d-daħla tagħha mill-ewwel tolqtok u tqajjimlek l-interess ħalli tkompli taqra. Miktuba b'Malti tajjeb u mirqum, kemm għal dak li hu lsien u kemm għal dik li hi ortografija, ħaġa li s'issa ftit rajna fil-ħajjiet tal-Qaddisin bil-Malti. Iżda billi l-ktejjeb ma titilqux minn idejk qabel ittemmu, jisgħobbik illi waqt li qed tedha taqra l-ħajja tal-Beatu f'daqqa ssib li donnu xjieħ f'daqqa. Tkun qallibt 28 paġna żgħar u taqra: "Kienu għaddew 45 sena minn meta t-tfajjel assistent ta' Dr. de Rivero daħal fil-kunvent ta' Santo Domingo", waqt li inti taħseb li kien għadu xi żagħżugħ fuq tiegħu u mimli ħajja.

Kemm il-ħajja barra l-kunvent, kemm dik ġewwa mogħtija għat-taħriġ tal-virtù u l-għajnuna tal-proxxmu huma maqlugħa tajjeb ħafna b'erba' kelmiet ħfief u meqjusa fuq kull fatt. Jidhrilna li l-ħajja kien jixirqilha kopertina aħjar. Jalla l-ktejjeb iqanqal id-devozzjoni lejn il-Beatu li għaliha nkiteb u li l-kanonizzazzjoni tal-Beatu Martin, il-patrun speċjali tax-xogħlijiet kollha tal-ħaqq soċjali fil-Perù, ma ndumux ma nisimgħuha. K.F.

JINBIEGH 1s. 3d.